# Animazzjoni - Solennità ta' Għid il-Ħamsin (Sena Ċ)

## Dħul:

Illum il-Knisja qed tiċċelebra s-Solennità ta' Għid il-Ħamsin, l-għotja tal-Ispirtu s-Santu lill-Appostli. Id-don tal-Ispirtu jfisser kuraġġ u juri l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

IL-Liturġija tal-Kelma tal-lum hija kkaraterizatta mill-Ispirtu s-Santu. Kien permezz tal-Ispirtu s-Santu li l-ewwel insara għelbu l-biżgħat tagħhom u ppridkaw lil Kristu. Fil-Vanġelju naraw li Kristu wiegħed difensur li huwa l-Ispirtu s-Santu. Dan sabiex il-bniedem li jemmen ikun jista' jimxi fit-triq it-tajba u jsalva.

Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art.

## Offertorju:

F'dan il-mument għażiż ejjew inroddu ħajr lil Alla għad-don tal-Ispirtu li hu tana fil-ħajja tagħna. Dan ir-ringrazjament nagħmluh permezz tal-offerta tagħna tal-ħobż u l-inbid li se titwassal fuq l-artal.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Biex wieħed ikun jista jwassal il-verità ta' Kristu jeħtieġ li jkollu l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu flimkien mas-sosteniment tal-Ewkaristija.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.